MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 120/2020 LM

**Nutar Dr Dorian Sciberras (K.I. 332389M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Josef Masini Vento**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **in-Nutar Dr Dorian Sciberras (K.I. 332389M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fl-20 ta' Novembru, 2023, [hawnhekk 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha ddeċieda t-talbiet tiegħu fil-konfront tal-konvenut **in-Nutar Josef Masini Vento**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

*"Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenut Josef Masini Vento u tiddikjara li l-istqarrijiet li ġew ippubblikati minnu fil-*

*15 ta' Lulju, 2020 fuq il-paġna fuq Facebook 'Notaries of Malta' huma opinjoni onesta, qiegħda tiċħad it-talba tal-attur Nutar Dr. Dorian Sciberras bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur."*

**Fatti**

2. Permezz tat-talba tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur talab li tiġi likwidata somma in linea ta' danni sofferti minnu skont l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta), wara li talab lill-istess Qorti tiddikjara li l-kummenti f'*post* pubbliku fil-grupp *'Notaries of Malta'* fuq is-sit soċjali Facebook fil-15 ta' Lulju, 2020, kif ukoll il-kummenti tal-konvenut fuq l-istess *post* ippubblikat fl-istess ġurnata, huma libellużi u malafamanti fil-konfront tal-attur, u li għandhom bħala skop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni personali u professjonali tiegħu, u jesponuh għar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku.

3. Il-konvenut fir-risposta tiegħu, wieġeb li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li l-*post* imsemmi minnu mhux malafamanti, u anke jekk jista' jitqies malafamanti għandu jkun ikkunsidrat bħala *'fair comment'* fil-kuntest tal-imġiba tal-attur b'riferiment għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt partikolari. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li d-dikjarazzjoni li dwarha saret din il-kawża kienet dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku, u li huwa raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni tal-istess kienet fl-interess pubbliku, u aktar minn hekk fl-interess tan-Nutara Pubbliċi li għandhom aċċess għal din l-informazzjoni. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tiegħu, għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-20 ta' Novembru, 2023, il-Qorti ddeċidiet li l-pubblikazzjoni li saret mill-konvenut tammonta għal opinjoni onesta, u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-attur, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat;*

*Din hija azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 - 'l-Att').*

*L-attur, li huwa Nutar Pubbliku, ħassu malafamat bil-pubblikazzjoni tal-konvenut, ukoll Nutar Pubbliku, fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali Facebook f'*closed group *imsejjaħ* 'Notaries of Malta'*, tas-segwenti stqarrija fil-15 ta' Lulju 2020:-*

"Mis-serje nutar ħmieġ il-Klieb.

Bagħtitli mara li dejjem inqdiet bija u in fatti kienet qed tikkuntattjani sabiex tagħmel konvenju għandi. Iżda wara li konna wasalna sabiex nagħmlu l-appuntament għall-konvenju, hija infurmatni illi s-sensara qaltilha illi s-sid tal-block sabiex ibiegħ, bilfors irid iqabbdu lin-Nutar tiegħu. Jien ċempilt lis-sensara, u s-sensara kkonfermat kollox, u in fatti qaltli li bejjiegħ miftiehem man-nutar tiegħu li n-nutar tiegħu biss jista' jagħmel il-bejgħ. Dan huwa każ ċar ta' illegalità u ta' fottiment bejn is-sensara u l-bejjiegħ u n-nutar. Miriam Alliance li għandha numru tat-telephone ċellulari *[omissis]* hija s-sensara u l-bejjiegħ huwa Alex Mercieca. Kont nistenna aħjar minn nutar Dorian Sciberras li huwa n-nutar tas-sid. Il-veru Mafia."

*Qabel xejn irid jiġi stabbilit x'inhuma l-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut, impunjati f'din il-kawża u in segwitu, jekk l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet ikkaġunaw jew huma kapaċi jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.*

*Bl-introduzzjoni tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att') il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, bħala kriterju li jrid jiġi sodisfatt għall-azzjonabilità tal-malafama, ġie reż ferm aktar oneruż u impenjattiv minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Dan il-kriterju, maħsub fl-artikolu 3(4) tal-Att, mhuwiex marbut mal-quantum tad-danni likwidabbli f'każ li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, iżda huwa rilevanti esklussivament għas-suċċess tal-azzjoni u l-azzjonabilità tal-allegat malafama, sabiex jiġi determinat jekk l-istqarrija impunjata għandhiex titqies bħala diffamatorja jew le għall-finijiet tal-Att. Dan l-istħarriġ dwar l-element ta' ħsara serja għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti sua sponte mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni ad hoc fir-rigward u dan għaliex, kif diġà ngħad, il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabilità tal-allegat malafama.*

*Skont il-Gatley (fn. 1 Gatley, on Libel and Slander (2013 Ed.), p.41, 2.5:-*

"… whether a publication has caused or is likely to cause, **serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation**, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before." *(fn. 2 Bħala parti minn dan l-istħarriġ: "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant." – ***Collins on Defamation*** *(2014 Ed.) p. 154 7.32*

*Indubbjament, fejn il-pubblikazzjoni impunjata "*tend(s) to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally" (*fn. 3* ***Sim V. Stretch,*** *per Lord Atkin, (1936) 2 All ER 1237 (House of Lords) u "*in all the circumstances would be likely to affect a person adversely in the estimation of reasonable people generally" (*fn. 4 Collins, ibid. 6.12, p. 117), din għandha titqies li fiha l-kapaċità li tikkaġuna ħsara reputazzjoni li hija serja. (fn. 5 Collins, ibid., p. 128, 6.56)*

*L-attur jilmenta illi l-konvenut jagħmel imputazzjoni serja ħafna li huwa kompliċi fi prassi illegali u mhux etika, fejn ix-xerrejja prospettivi ta' proprjetà ta' kuntrattur partikolari, Alex Mercieca, jiġu mġiegħla jużaw is-servizzi tiegħu biex isir il-konvenju għall-bejgħ tal-proprjetà, u dan meta nutar, bħala uffiċjal pubbliku kif ukoll bħala professjonist imparzjali u indipendenti, hu prekluż mill-liġi u mill-etika milli jagħmel dan.*

*L-attur xehed ukoll li dawn l-istqarrijiet ġew ippubblikati fuq il-paġna fuq Facebook* 'Notaries of Malta'*, grupp li fih ċirka tliet mitt membru, ilkoll nutara Maltin, fejn jitqassam tagħrif ta' interess għall-professjoni ta' nutar u tintuża wkoll bħala pjattaforma fejn in-nutara jistgħu jipprovdu assistenza lil xulxin. Ikkonferma li min m'huwiex nutar jew assistent legali tan-nutar, ma jkollux aċċess għall-*posts *li jittellgħu fuq din il-paġna fuq Facebook. Iżda ma għandu l-ebda garanzija li xi ħadd mill-membri tal-grupp ma ċċirkolax il-post tal-konvenut lil terzi persuni 'l barra mill-grupp, jew li dan il-post ma ġiex imqassam ma' terzi persuni. Xehed illi kienu kellmuh diversi persuni dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut u skont hu, dan kollu kien ta' ħsara kbira għar-reputazzjoni tiegħu kemm bħala nutar kif ukoll fl-isfera politiku bħal Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Iklin.*

*Jingħad li fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni – inkluż naturalment waħda diffamatorja – fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jiġi stabbilit jekk persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person"), *tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. F'kull każ huwa mħolli lill-ġudikant biex jiddetermina jekk il-kliem użat huwiex kapaċi, raġjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantat mill-persuna aggravata u jekk, f'każ affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaċi li titqies skont il-liġi bħala diffamatorja. F'każ fejn il-*

*kliem użat fid-dikjarazzjoni impunjata jista' jagħti lok għall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jingħad illi:-*

"… **the question will be whether it is reasonably capable of conveying that imputation**. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing." [emfasi tal-Qorti] (*fn. 6 Gatley 'On Libel and Slander', 2013 Ed. P. 113)*

*Il-Qorti tibda biex tosserva li bil-kliem "il-Veru Mafia" kif użata mill-konvenut fil-kuntest tal-istqarrijiet tiegħu, huwa kien qed jipprotesta kontra l-prassi skont hu illeċita, konsistenti f'komplotti bejn persuni involuti fil-qasam tal-bejgħ ta' proprjetà, kompriż nutara, fejn jimponu fuq ix-xerrejja prospettivi ta' xi proprjetà tal-venditur, biex jużaw is-servizzi tan-nutar magħżul mill-istess venditur, liema manuvri huma intiżi għall-gwadann finanzjarju tal-persuni involuti inkluż in-nutar ikkonċernat. Fir-retroxxena tal-każ li rriskontra personalment fejn sar jaf li l-attur kien wieħed min-nutara li jipprattika dawn il-manuvri, il-konvenut esprima l-istmerrija tiegħu għal din il-prassi li fil-fehma tiegħu, hi illeċita u ta' ħsara għall-professjoni notarili, u dan billi xebbaħha mal-Mafia, organizzazzjoni kriminuża istituzzjonalizzata.*

*Il-Qorti ma taqbilx – u minn qari oġġettiv u komplut tad-dikjarazzjoni tal-konvenut bl-ebda mod ma jinftiehem – li din il-kritika twassal jew tagħmel insinwzzjoni li l-attur jifforma materjalment parti mill-Mafia jew xi organizzazzjoni kriminuża u fil-fatt, din l-imputazzjoni żgur mhijiex waħda li titnissel minn qari sħiħ tal-istqarrijiet tiegħu komplessivament, minn persuna raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja.* ***Madankollu, l-istqarrija twassal l-imputazzjoni li kollużjoni bħal dik deskritta fil-pubblikazzjoni, topera bi preġudizzju ta' nutara oħra u tal-professjoni notarili u hija illegali.***

*Kuntrarjament għal dak li xehed l-attur, il-Qorti ma taqbilx li l-*"fottiment" *imsemmi mill-konvenut fid-dikjarazzjoni tiegħu, jirreferi għal xi ftehim bejn l-attur, il-venditur u s-sensar li huwa intiż jagħmel ħsara lix-xerrej, iżda fehmet li l-imputazzjoni mnissla hija ta' ftehim jew aġir kolluživ bl-involviment tan-nutar attur, iddiżinjat biex jopera a skapitu u bi ħsara ta' nutara oħra.* ***Il-Qorti tifhem illi kull ftehim jew kollużjoni biex jintużaw is-servizzi ta' nutar partikolari ad esklużjoni ta' nutara oħra - multo magis ad esklużjoni tan-nutar tal-għażla tal-parti kontraenti li skont il-prattika nutarili, tagħżel in-nutar għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt jew għal proċess nutarili ieħor - huwa intiż biex jinkiseb vantaġġ mhux xieraq u illeċitu a skapitu ta' u bi preġudizzju għan-nutara kollha in ġenerali, u jikkostitwixxi kompetizzjoni inġusta. Dan qed jingħad mhux biss għaliex ftehim ta' din ix-xorta huwa affront dirett għall-ispirtu tal-professjoni nutarili bħala waħda indipendenti u imparzjali, iżda wkoll għaliex huwa bi ksur tar-Regolamenti tal-Kodiċi tal-Etika tan-Nutara, li ġew introdotti fil-kotba statutorji bis-saħħa tal-Avviż Legali 155 tal-2013.*** *(fn. 7 L.S. 55.09)*

*Huwa minnu li l-istqarrijiet tal-konvenut ma ġewx ippubblikati lil udjenza kbira għaliex jidher u mhux kontestat, li l-aċċess għall-paġna fuq Facebook tal-grupp* 'Notaries of Malta'

*huwa ristrett għal nutara u l-assistenti legali tagħhom biss, u l-attur xehed li n-numru ta' nutara f'dan il-grupp ma jeċċedix tliet mitt ruħ. Iżda fl-istess waqt, irid jiġi kkunsidrat ukoll il-fatt li l-pubblikazzjoni saret lil settur ta' persuni li bħala l-kollegi tal-attur huma sewwasew il-vittmi tal-aġir li qed jiġi addebitat lilu minn ħadd ħlief nutar kollega tagħhom ilkoll.*

***Il-Qorti għalhekk tqis li l-imputazzjoni magħmula minn nutar, li l-kollega tiegħu jikkolludi ma' venditur biex jintużaw b'mod sistematiku s-servizzi tiegħu a skapitu ta' nutara oħra, indubbjament hi waħda li hi kapaċi toskurah fl-istima tan-nutara l-oħra kollegi tiegħu u għaldaqstant, din l-imputazzjoni hi inerentement kapaċi tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.***

*Gatley, in tema ta' stqarrijiet li jolqtu l-kondotta professjonali tal-persuna aggravata, jgħid hekk:-*

"It is defamatory to impute that a person is unfit for this profession or calling owing to want to ability, mental stability, learning or some other necessary qualification or that he has been guilty of **any dishonest or disreputable conduct or any other misconduct** or inefficiency therein." (*fn. 8 Gatley On Libel and Slander (2013 Ed.), 2.37, page 82)*

*Fil-każ **Angel v H.H. Bushell & Co Ltd** (fn. 9 (1968) 1 QB 813) l-allegazzjoni kienet li l-persuna aggravata ma kienetx "…* conversant with business ethics". *Ġie ritenut* (*fn. 10 Milmo J.: 825G-826A*) li teżisti "a very real difference between an allegation of failure to comply with etiquette and a failure to conform with ethical standards, and it is the latter imputation which, in my view, is made by this letter. Ethics involve a moral standard, and, in my judgment, a breach of ethics connotes at a minimum dishonourable behaviour". (*fn. 11 Intqal ukoll illi "*At any rate, it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not.")

***Applikat dan għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti taqbel li din l-imputazzjoni li l-attur jaħdem b'kollużjoni ma' żviluppatur tal-bini u persuni oħrajn fin-negozju tal-proprjetà, biex kompraturi prospettivi jintbagħtu għandu biex jintużaw is-servizzi tiegħu a skapitu ta' nutara oħrajn u bi ksur tal-liġi u l-etika, hi inerentement kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur u konsegwentement titqies li hija diffamatorja.** (fn. 12 Il-Qorti ma taqbilx li l-imputazzjonijiet huma kapaċi fiċ-ċirkostanzi tal-pubblikazzjoni in diżamina, jikkaġunaw ħsara lir-reputazzjoni tal-attur fuq livell politiku. Kif stabbilit, l-imputazzjoni ma ġietx ippubblikata lill-pubbliku in ġenerali fuq mezz ta' midja tal-massa li tnissel preżunzjoni ta' udjenza kbira, jew pjattaforma oħra b'aċċess mhux limitat, iżda biss fuq pjattaforma tal-midja soċjali li huwa miftuħ esklussivament għal nutara Maltin u l-assistenti legali tagħhom, madwar tliet mitt persuna b'kollox. Inoltre, kif diġà ġie stabbilit, il-*"fottiment" *li skont il-konvenut qiegħed iseħħ b'arranġament bejn il-venditur u n-nutar, huwa ta' preġudizzju għall-kollegi tiegħu nutara u mhux lix-xerrejja prospettivi jew lil ħaddieħor u għalhekk, fin-nuqqas ta' prova dwar il-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati*

*lil hinn mill-grupp* "Notaries of Malta" *u jew il-prova ta' xi riperkussjonijiet fuq il-karriera politika tal-attur, ma jistax jitqies li ġiet rekata xi ħsara lill-attur* ***ukoll*** *fuq livell politiku."*

*In konklużjoni fuq din it-tema, kwantu għat-titolu tal-post tiegħu,* "Mis-serje nutar ħmieġ tal-klieb"*, hu ritenut illi tgħajjir konsistenti f'insulti u abbuż vulgari jew pastaż, bħal* "ħmieġ tal-klieb"*, m'huwiex azzjonabbli bħala malafama, u fil-fehma tal-Qorti, dan il-kliem ma jnissel ebda imputazzjoni li kapaċi tagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi stabbilit li l-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-pubblikazzjoni u li dawn huma interentement kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur, imiss li jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet li bihom il-konvenut laqa' għall-azzjoni għal malafama.*

*Il-konvenut eċċepixxa li l-pubblikazzjoni tikkosistwixxi* fair comment*. Din id-difiża ma ġietx trasposta fil-liġi l-ġdida li sostitwiet l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) u effettivament, m'hijiex imsemmija fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). Minflok, l-Att introduċa fl-Artikolu 4(2) id-difiża tal-opinjoni onesta, liema difiża hija regolata b'diversi disposizzjonijiet u huma applikabbli għaliha kriterji differenti minn dawk li kienu jirregolaw id-difiża tal-kumment ġust taħt il-Kap. 248.*

*Din il-Qorti diġà ddikjarat diversi drabi illi hija tqis li eċċezzjoni ta'* fair comment *għandha tiġi trattata bħala waħda ta' opinjoni onesta, anke għaliex din tal-aħħar hija regolata minn kriterji ferm iktar wesgħin minn dawk li kienu applikabbli għad-difiża tal-kumment ġust. Għaldaqstant, anke biex tkun ġusta mal-konvenut, sejra tqis l-eċċezzjoni tal-konvenut ta'* fair comment *bħala difiża ta' opinjoni onesta a tenur tal-imsemmi Artikolu 4(2) tal-Att. (fn. 13 Dan jipprovdi:* Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti: (a) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni; (b) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni; (ċ) li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' – (i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew (ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.")

*Għas-suċċess tal-opinjoni onesta, il-konvenut jeħtieġlu juri li l-istqarrija impunjata tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt. (fn. 14 Artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 579).*

*Fir-rigward jinsab ritenut illi:-*

"A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive.

…

Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion, **if they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated**, where it will be obvious to the reasonable person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expressing a view or inference" [emfasi tal-Qorti] (*fn. 15 Collins, 9.12 p. 192)*

*Applikat dan l-insenjatament għall-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, il-Qorti tqis, kif del resto diġà ġie stabbilit, illi l-istqarrijiet impunjati m'humiex stqarrijiet ta' fatt iżda jikkonsistu f'dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut dwar il-fatti riskontrati minnu fir-rigward tal-appuntament li ġie skedat mal-attur mis-sensar fuq struzzjonijiet ta' terzi persuni, biex il-konvenju ta' ċertu Jessica Briffa jsir quddiemu. Hu evidenti li l-istqarrijiet impunjati f'din l-azzjoni jikkostitwixxu l-espressjoni tal-kritika u l-ġudizzju tal-konvenut b'rejazzjoni għall-provi li huwa jgħid illi rriskontra dwar it-tħaddim ta' prassi fejn il-kompraturi tal-proprjetà ta' venditur partikolari, ċertu Alex Mercieca, jingħataw struzzjonijiet mill-venditur innifsu jew l-aġent tiegħu, biex jużaw is-servizzi tal-attur biex isir il-konvenju u dan fuq bażi sistematika. Indubbjament, il-konvenut ħassu ferm aggravat b'dak li huwa pperċepixxa bħala aġir illeċitu u ta' ksur ta' etika da parti tal-attur, nutar kollega tiegħu u esprima l-fehma tiegħu li "*Dan huwa każ ċar ta' illegalità u ta' fottiment bejn is-sensara u l-bejjiegħ u n-nutar … Il-Veru Mafia."

*Hu għalhekk ċar illi dawn l-istqarrijiet tal-konvenut jikkostitwixxi* a value judgement *diversament minn stqarrija ta' fatt u konsegwentement, bħala espressjoni tal-ġudizzju tiegħu, jikkwalifikaw biex jiġu mistħarrġa taħt l-ottika tad-difiża tal-opinjoni onesta.*

*Skont l-Att, id-difiża ta' opinjoni onesta tista' titqajjem biss (fn. 16 subartikolu (3) tal-Artikolu 4) meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika entro t-tifsira mogħtija mis-subartikolu (5) u fejn jiġu sodisfatti l-kriterji l-oħrajn kollha elenkati fl-Artikolu 4(2) tal-Att. Issa fost id-definizzjonijiet ta' persuna pubblika għall-finijiet tad-difiża tal-opinjoni onesta, l-Att jinkludi* "persuna li abitwalment teżercita professjoni, arti jew sengħa fejn il-fatti attribwiti lilha jirreferu għat-twettiq ta' dik il-professjoni arti jew sengħa". *Fil-każ in diżamina, il-konvenut ippubblika imputazzjonijiet fir-rigward tal-attur in konnessjoni mal-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu ta' nutar.*

*Skont l-artikolu 4(2)(b) tal-Att, il-konvenut li jilqa' għall-azzjoni għal malafama bid-difiża tal-opinjoni onesta, irid juri wkoll li d-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni tiegħu.*

*Jidher li anke din il-ħtieġa ġiet sodisfatta għaliex il-bażi tal-opinjoni tal-konvenut li l-każ konċernanti l-attur huwa wieħed ta' illegalità u ta' fottiment, hija indikata suffiċjentement fil-pubblikazzjoni, fejn il-konvenut jiddikjara espressament il-fatti li wassluh għal din il-konklużjoni.*

*Illi in kwantu għar-rekwiżit tal-paragrafu (ċ)(i) tal-Artikolu 4(2) tal-Att, ċioe li jrid jintwera illi persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien*

*li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata, ġie ritenut fir-rigward illi* ***kwalsiasi fatt rilevanti jista' jiswa għall-fini ta' din il-prova****, basta jintwera wkoll li persuna onesta setgħet ġenwinament tesprimi dik il-fehma li hija impunjata mill-persuna aggravata, abbażi tal-fatt jew dawk il-fatti invokati mill-konvenut in sostenn tad-dikjarazzjoni tal-opinjoni tiegħu.*

*Mhux meħtieġ għas-suċċess ta' din id-difiża li jintwera li l-konvenut kien jaf b'dawk il-fatti meta esprima l-opinjoni tiegħu u mhux meħtieġ lanqas li tiġi ppruvata l-verità ta' kull allegazzjoni ta' fatt li fuqu qed jiġi allegat li l-opinjoni ġiet ibbażata. Huwa ritenut ukoll illi meta l-istqarrija impunjata m'hijiex stqarrija ta' fatt iżda kumment ossia dikjarazzjoni ta' opinjoni, m'huwiex mistenni illi l-verità tal-fatt tigi ppruvata, madanakollu jibqa' l-obbligu illi jintwera illi l-kumment huwa xprunat minn fatti li huma sostanzjalment veri.*

*Kif diġà ġie stabbilit, l-imputazzjoni li għamel il-konvenut fil-każ in diżamina, hija waħda speċifika, ċioe' kompraturi prospettivi li jkunu bi ħsiebhom jixtru proprjetà mingħand ċertu żviluppatur partikolari, Alex Mercieca, għad illi għandhom id-diskrezzjoni tal-għażla tan-nutar, jiġu direġuti bi ftehim bejn l-attur u l-iżviluppatur jew terzi persuni oħrajn, lill-attur biex bħala nutar jagħmel huwa stess il-konvenju relattiv u eventwalment, jippubblika wkoll l-kuntratti tal-bejgħ, u dan a skapitu ta' nutara oħra. Dan jimponi fuqu l-oneru fuq il-konvenut li jissostanzja l-imputazzjoni bi provi ta' fatti konkreti.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-konvenut xehed (fn. 17 Xhieda tal-konvenut tad-9 ta' Novembru, 2021 u Affidavit tal-31 ta' Jannar, 2023) lli kien ġie avviċinat minn ċertu Jessica Briffa, li kienet sejra tixtri proprjetà mingħand Alex Mercieca, u kien taha appuntament nhar it-Tnejn ta' wara. Iżda mbagħad infurmatu li s-sensara qaltilha li l-venditur irid bil-fors li jintużaw is-servizzi tal-attur bħala nutar u staqsietu jekk għandhiex tafdah. Meta huwa ċempel lis-sensara ċertu Miriam Camilleri minn Alliance Group, hija qaltlu li l-klijenta kellha appuntament skedat għal nhar it-Tnejn ta' wara, mhux miegħu iżda mal-attur, in-Nutar Dorian Sciberras, u dan għaliex il-venditur ried li l-kuntratti jsiru biss għand l-imsemmi nutar u għand ebda nutar ieħor. Xehed li għalih dan ifisser li l-attur huwa "fil-but" tal-kuntrattur partikolari u dan jafu wkoll mingħand ħafna nutara li lkoll ikkonfermaw li ltaqgħu mal-istess ċirkostanzi fejn xerrejja prospettivi tal-proprjetajiet ta' Alex Mercieca, jiġu mġiegħla jaħdmu għand l-attur u mhux in-nutar tal-għażla tagħhom.*

*Il-konvenut esebixxa* screenshot *ta' messaġġi li ġew skambjati bejnu u Jessica Briffa fejn jirriżulta li, kif xehed l-istess konvenut, hija kienet staqsietu jekk għandhiex tafda lin-nutar l-ieħor li s-sensara kienet qaltilha biex tmur għandu għal parir. Qalet ukoll li tagħżel li* "(t)**kompli miexja** bin-nutar **tagħhom**"*. (emfasi tal-Qorti)*

*Da parti tiegħu l-attur xehed illi* ***wara*** *li ra l-post tal-konvenut fuq Facebook, sab li tabilħaqq kellu appuntament imniżżel fid-djarju tiegħu biex isir konvenju għall-bejgħ ta' wieħed mill-appartamenti ta' Alex Mercieca, liema appuntament kien ġie skedat il-ġurnata ta' qabel*

*mis-segretarja tiegħu fuq talba tas-sensar ċertu Miriam minn Alliance Group. L-attur xehed ukoll illi kien tkellem ma' Alex Mercieca li min-naħa tiegħu kien assigurah li qatt ma sforza lil ħadd biex juża s-servizzi tiegħu bħala nutar jew ta' xi nutar ieħor partikolari. L-attur ikkonferma illi hekk kif sar jaf b'dan l-appuntament, huwa ħassru u jekk eventwalment kien sar il-konvenju bejn ix-xerrej prospettiv u Alex Mercieca, dan ma kienx sar għandu.*

*Alex Mercieca ċaħad fix-xhieda tiegħu (fn. 18 Affidavit Dok. DS2) li għandu ftehim mal-attur jew ma' xi nutar ieħor biex jaħdem bih biss, għalkemm jaf illi l-aġent tiegħu, Jeffrey Mifsud, xi kultant jinforma lix-xerrejja prospettivi li n-nutara James Grech, Sam Abela u l-attur għandhom ir-riċerki ta' Alex Mercieca. Dan ġie affermat minn Jeffrey Mifsud fl-Affidavit tiegħu. (fn. 19 Dok. DS3)*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi hija tifhem illi jista' jkun hemm okkażjonijiet fejn ikun utili għall-kompratur prospettiv ta' proprjetà li juża s-servizzi tan-nutar li diġà jkun ikkonduċa r-riċerki jew parti mir-riċerki tal-venditur, iżda din id-deċiżjoni hi waħda li titħalla lill-kompratur fid-diskrezzjoni tiegħu. Dan għaliex hija l-prassi adoperata mill-professjoni notarili li l-kompratur, li wara kollox ser jinvesti flus fl-akkwist ta' proprjetà, jagħżel in-nutar tal-fiduċja tiegħu biex jieħu ħsieb il-proċess tal-akkwist mill-bidu sal-aħħar, inkluż jikseb it-tagħrif sħiħ dwar it-trasferimenti u responsabbilitajiet u piżijiet tal-venditur, jeżamina r-riċerki relattivi u jassigura li t-titolu tal-venditur li ser jiġi akkwistat mix-xerrej, ikun wieħed tajjeb. Il-Qorti tqis illi l-għażla tan-nutar hija waħda sensittiva li m'għandhiex tittieħed għal raġunijiet ta' konvenjenza u d-diskrezzjoni fl-għażla tan-nutar m'għandhiex tkun imfixkla jew imxekkla b'manuvri da parti ta' terzi, iddiżinjati biex jiġbdu l-kompratur lejn nutar jew nutara partikolari.*

*Dan premess, il-Qorti tosserva li fix-xhieda tiegħu l-attur imkien ma ġġustifika l-appuntament li kien sar mill-aġent tal-venditur jew is-sensar, għall-iffirmar tal-konvenju bejn Alex Mercieca u Jessica Briffa, bil-fatt illi huwa kien diġà fil-pussess tar-riċerki tal-attur fir-rigward tat-titolu tal-proprjetà in vendita. L-attur afferma huwa stess fix-xhieda tiegħu li* ***mingħajr ma kellu ebda kuntatt preventiv mal-kompratur prospettiv, sab li kellu appuntament riżervat fid-djarju tiegħu ma' din il-klijenta għall-konvenju għall-bejgħ ta' xi proprjetà ta' Alex Mercieca u in segwitu ġie infurmat mis-sensar li l-klijenta tagħha riedet tuża s-servizzi tan-nutar tagħha stess****.*

*L-attur xehed ukoll:-* "**il-venditur għandu persuna li teħodlu ħsieb l-appuntamenti tiegħu** u bħalma jagħmlu s-sensara **b'mod normali jagħmlu l-appuntament huma mal-uffiċċju tiegħi biex isir il-konvenju.**" *Xehed ukoll li meta ċempel lis-sensar Miriam* ***wara*** *li ra l-post tal-konvenut, hi qaltlu li* "kellha klijenta li kienu ħa jikkonkludu konvenju ... **u ... riedet tuża n-Nutar tagħha**, ... jien għidtilha illi ċertament hi għandha dritt tuża lin-Nutar tagħha jiġifieri anzi għidtilha 'iġġibilhiex hawnhekk'".

*Minn dan il-Qorti fehmet illi jekk, skont kif xehed l-attur innifsu, l-appuntament miegħu għall-konvenju sar mis-sensar iżda l-kompratur riedet tuża n-nutar tagħha, dan jista' jfisser biss li s-sensar ma għamlitx l-appuntament mal-attur għaliex ġiet mitluba tagħmel dan mill-kompratur iżda għaliex kellha struzzjonijiet mingħand xi ħadd biex tagħmel dan l-appuntament. Xi ħadd li l-Qorti fehmet li ma kienetx il-kompratur għaliex kif jirriżulta mix-xhieda tal-konvenut, il-kompratur, Jessica Briffa, kienet qed tikkomunika miegħu dwar l-akkwist prospettiv tal-proprjetà, kif del resto kkonferma l-attur fix-xhieda tiegħu.*

*Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jfisser illi f'każ ta' bejgħ prospettiv ta' proprjetà tal-venditur Alex Mercieca, kien hemm sistema fis-seħħ fejn l-aġent tal-venditur jagħmel appuntament għall-konvenju huwa stess mal-attur (jew mal-uffiċċju tiegħu), jew jidderiġi lis-sensar biex jagħmel dan l-appuntament,* ***anke jekk ma jkunx ġie inkarigat jagħmel dan mill-kompratur biex b'hekk il-kompratur ikun ġie gwidat lejn l-attur u b'hekk jiżdied il-prospett li jispiċċa juża s-servizzi tiegħu*** *bħalma del resto seħħ fil-każ ta' Jessica Briffa li finalment għarrfet lill-konvenut li ser* "(t)kompli miexja bin-nutar tagħhom". *Dan kollu magħdud jikkonforta x-xhieda tal-konvenut u dak li jirriżulta mill-messaġġi li ntbagħtulu minn Jessica Briffa: minn eżami ta' dawn il-messaġġi il-Qorti fehmet li Jessica Briffa ġiet mgħarrfa mis-sensar li l-appuntament għall-konvenju kien sar mal-attur u li ma kienx sar fuq struzzjonijiet tagħha.*

*Din il-fehma tal-Qorti tkompli tiġi msaħħa ulterjorment minn provi oħrajn li ressaq il-konvenut li juru n-numru sostanzjali ta' konvenji reġistrati mill-attur għall-bejgħ ta' proprjetà fejn il-venditur kien Alex Mercieca. (fn. 20 ara xhieda Caroline Mifsud, 31 ta' Jannar, 2023, Dok. CM1 u Dok. CM2) Alex Mercieca xehed li l-konvenji għall-bejgħ tal-proprjetà tiegħu lil terzi kienu jsiru quddiem diversi nutara u pproduċa kopja tar-reġistrazzjoni ta' konvenji għall-bejgħ ta' proprjetà li fihom kien il-venditur, li saru quddiem nutara oħrajn, sitta u erbgħin (46) b'kollox. Il-Qorti ma stenniet xejn inqas minn dan: wara kollox, kif ingħad diġà, il-prassi aċċettata hi li l-kompratur juża is-servizzi tan-nutar tal-għażla tiegħu u mhux in-nutar tal-għażla tal-venditur u għalhekk il-prova li ressaq l-attur li l-konvenji għall-bejgħ ta' proprjetà ta' Alex Mercieca lil terzi saru minn għadd ta' nutara differenti, ma fiha xejn sorprendenti.*

*Dak li hu tassew sorprendenti iżda, fil-fehma tal-Qorti, huwa n-numru fqir ta' konvenji għall-bejgħ ta' proprjetà tal-venditur Alex Mercieca, reġistrati minn nutara differenti, meta mqabbel mal-patafjun ta' kuntratti ta' bejgħ tal-proprjetà tal-istess Alex Mercieca lil terzi kompraturi, ippubblikati mill-attur waħdu bejn l-2018 u l-2022. Jirriżulta illi f'dan il-perijodu, l-attur waħdu irreġistra xejn inqas minn mija u sebgħa u erbgħin (147) konvenju għall-bejgħ ta' proprjetà tal-venditur Alex Mercieca (fn. 21 żviluppi f'żoni*

*differenti f'Malta, fosthom il-Pietà, Santa Venera, Msida, Żabbar u Santa Venera) lil terzi kompraturi.*

*Imqiegħda f'din ir-retroxxena, issir ferm iktar rejalistika u verosimili t-teżi tal-konvenut li kien hemm xeħta ta' kollużjoni biex l-kompraturi prospettivi tal-proprjetajiet ta' Alex Mericeca jiġu trasmessi lill-attur. Għall-Qorti, mhux raġjonevolment possibbli li b'mera koinċidenza, il-kompraturi prattikament kollha tal-appartamenti f'dawn l-iżviluppi, għażlu lill-attur bħala n-nutar għall-pubblikazzjoni tal-kuntratti tal-komprovendita. Kieku t-teżi tal-konvenut kienet merament fantastika u msawra fuq allegazzjonijiet bla bażi, il-Qorti kienet tistenna li tirriskontra prova ta' numru ferm iktar sostanzjali ta' reġistrazzjonijiet ta' konvenji tal-venditur Alex Mercieca minn nutara differenti, tenut kont tal-fatt li l-prassi aċċettata fil-kamp notarili hi li l-għażla tan-nutar f'każijiet bħal dawn hija fid-diskrezzjoni ta' kull wieħed mill-kompraturi individwali. Iżda l-fatti li joħorġu mill-provi proċesswali, jimmanifestaw xejra li tagħti fejda lill-opinjoni espressa mill-konvenut fil-pubblikazzjonijiet impunjati li kien hemm xi kollużjoni bl-involviment ta' dan il-venditur u l-attur, biex il-konvenji jsiru għandu ad esklużjoni ta' nutara oħrajn.*

*Kif diġà stabbilit, l-aġent jew rappreżentant tal-iżviluppatur, Jeffrey Mifsud, ikkonferma illi huwa kien, minn jeddu jew fuq struzzjonijiet ta' terzi, jgħarraf lix-xerrejja prospettivi li kien hemm tliet nutara partikolari, fosthom l-attur, li kellhom f'idejhom ir-riċerki tal-venditur Alex Mercieca, "*biex jekk kellhom pjaċir jaħdmu bihom." *Il-Qorti tqis illi jekk tassew il-venditur jew ir-rappreżentant tiegħu kienu jinformaw lill-kompraturi prospettivi tal-proprjetajiet ta' Alex Mercieca, li n-Nutar Sam Abela u n-Nutar James Grech ukoll kellhom ir-riċerki tiegħu, ma kienx ikun hemm biss tliet (3) reġistrazzjonijiet ta' konvenji min-Nutar James Grech u l-ebda reġistrazzjoni kwalsiasi min-naħa tan-Nutar Sam Abela, u kienet tistenna li tirriskontra għadd ferm ikbar ta' konvenji reġistrati minn dawn iż-żewġ nutara.*

*Barra dan, il-Qorti tqis li l-attur kien ftit jew wisq ekonomiku meta xehed li Alex Mercieca huwa biss* "klijent li ġieli nqeda għandi" *jew* "huwa klijent bħal ma huwa klijent ieħor" *– mill-provi jirriżulta li huwa klijent fiss li ma jużax is-servizzi tal-attur biss meta jiġi biex jixtri xi proprjetà, iżda fuq bażi sistematika anke meta jiġi biex ibiegħ lil terzi kompraturi l-proprjetà żviluppata minnu u dan meta kif inhu risaput, l-għażla tan-nutar hi fid-diskrezzjoni tax-xerrej*.

*Ikkunsidrat;*

*Illi dan kollu magħdud jagħti bażi fattwali suffiċjenti ta' xejra ta' skema ta' ko-ordinazzjoni fejn kompraturi prospettivi, bħal Jessica Briffa, jiġu gwidati jew persważi b'xi mod, biex jużaw is-servizzi tan-nutar, ċioe' l-attur, imqabbad sistematikament mill-*

*venditur Alex Mercieca, u konsegwentement, sostenn fattwali lill-imputazzjoni mnissla mid-dikjarazzjonijiet ippubblikati mill-konvenut li kien hemm xi forma ta' kompliċità bejn il-venditur u l-attur biex jiġi assigurat li kemm jista' jkun il-kompraturi prospettivi jintbagħtu għand l-attur biex isir il-konvenju għall-bejgħ, ad esklużjoni ta' nutara oħrajn.*

*Hawnhekk, jeħtieġ li ssir riferenza speċifika għar-Regolamenti dwar il-Kodiċi ta' Etika tan-Nutara (L.S. 55.09), fejn fosthom insibu s-segwenti projibizzjonijiet:-*

"2.2 The notary shall ignore any intervention by a third party that might influence in any manner the performance of his or her professional duties to the detriment of the parties making use of the notary's services.
2.3 The Notary shall not:

(a) Employ agents to promote or tout his office and services;

(b) Promote his or her office and services with specialized agencies and authorities such as financial institutions, estate agents and the like ;

…

(f) Authorise, instruct, or allow third parties to put pressure on other persons to use his or her services. Furthermore, the notary shall be obliged to immediately ask such third parties to desist from such actions, should the notary find out that third parties have done so even without the notary's acquiescence. In any case, the notary shall be obliged to immediately inform the Notarial Council and, if applicable, the third parties' representative body/bodies, of such actions.

…

4.1 Notaries are obliged to restrain from unfair competition, which includes without limitation:

4.2 A notary's co-operation and over-association with certain individuals who pressure clients to choose that particular notary in order to receive some sort of financial aid,

…

4.5 Any form of persuasive practices used by a notary in order to attract a person to use his or her services in the future, including any request or suggestion to a person that any notarial acts required by him in the future should be made only at his or her notarial office."

*L-attur, li ex admissis kien konxju jekk mhux ukoll akkwijexxenti ta' din il-prassi fejn l-aġent tal-venditur kien qed jagħmel l-appuntamenti huwa stess mal-uffiċċju tiegħu*

*(jew iqabbad lis-sensara) mingħajr ma jkun jaf lill-kompratur (fn. 22 ara xhieda tal-attur 18 ta' Frar, 2021, paġna 23 u paġna 24) ma setax ma suspettax li din il-prassi tista' tammonta għal promozzjoni jew sollecitazzjoni tas-servizzi tiegħu u mezz ta' pressjoni, anke jekk indiretta, fuq kompraturi prospettivi biex jagħmlu l-konvenju quddiemu. Prassi li hija potenzjalment illegali għaliex tista' taqa' fil-parametri tal-paragrafi (a), (b) u (f) tar-regolament 2.3 tar-Regolamenti fuq ċitati. Iżda minkejja dan, jidher li l-unika azzjoni li ħa l-attur - li jħassar l-appuntament li kien sar mill-aġent tal-venditur jew mis-sensar - ħadha* ***__wara__*** *li l-konvenut ippubblika l-kummenti tiegħu fuq il-paġna fuq Facebook* Notaries of Malta*.*

*Il-Qorti hi tal-fehma illi abbażi tal-fatti li jemerġu mill-provi proċesswali, fosthom il-fatt li sistema bħal dik deskritta mill-attur innifsu, tista' raġjonevolment titqies li taqa' fil-parametri ta' aġir ipprojibit mir-Regolamenti statutorji tal-Kodiċi ta' Etika tan-Nutara, persuna onesta setgħet raġjonevolment tesprimi opinjoni dwar l-eżistenza ta' xi xorta ta' skema maħsuba biex b'kollużjoni li tinvolvi l-attur u l-venditur jew is-sensar, tiggwida u tittrasmetti l-kompraturi prospettivi lejn is-servizzi tan-nutar tal-venditur biex isir il-konvenju u l-pubblikazzjoni tal-kuntratti tal-bejgħ, ad esklużjoni ta' nutara oħra, u li dan hu illegali. Hija għalhekk raġjonevoli l-espressjoni tal-fehma tal-konvenut illi* "dan huwa każ ċar ta' illegalità u ta' fottiment bejn is-sensara u l-bejjiegħ li huwa Alex Mercieca. Il-Veru Mafia".

***Illi l-Qorti taqbel illi huwa l-jedd ta' kull individwu li jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor u għandu dritt ukoll jirrejaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet mhux korretti:*** *"the right to make honest but derogatory expressions of opinions on such matters was and is an important safeguard for freedom of expression". (fn. 23* ***Joseph v. Spiller****, Lord Phillips, 2010, UKSC, 53 (2011) A.C. 852).*

*Kemm hu hekk id-difiżi bħal ma huma dawk tal-kumment ġust u llum tal-opinjoni onesta, huma intiżi tabilħaqq biex jippromwovu espressjoni vigoruża tal-fehmiet u dan biex* "a critic need not be mealy-mouthed in denouncing what he disagrees with … but rather is entitled to dip his pen in gall for the purposes of legitimate criticism." *(fn. 24* ***Tse Wai Chun Paul v. Albert Cheng*** *(2000), ċitat mill-Gatley, supra, 12.1, p. 423). F'bosta każijiet, anke l-iktar kritika ħarxa tista' tkun aċċettabbli entro l-parametri ta' kumment ġust u huwa ġeneralment aċċettat illi ċertu qies ta' esaġerazzjoni huwa permess fl-espressjoni ta'* value judgments*, għalkemm, kif diġà rajna, anke* value judgments *jistgħu jitqiesu li huma eċċessivi meta mhumiex sorretti minn bażi fattwali. (fn. 25 vide* ***Jerusalem v. Austria,*** *no. 26958/95, §43, ECHR 2001-II).*

*F'dan il-każ il-Qorti tqis illi l-espressjonijiet tal-espressjoni tal-konvenut huma miżgħuda b'fondament fattwali li jagħti sostenn lill-fehma tiegħu li kien hemm xejra ta' kollużjoni mhux leċita,* "fottiment"*, bejn il-venditur, is-sensar u n-nutar, u hija sodisfatta illi persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi tal-fatti li jemerġu mill-kumpless tal-provi proċesswali kollha u li kienu jeżistu fiż-żmien meta l-konvenut għamel id-dikjarazzjonijiet impunjati.*

*Għaldaqstant, billi l-ewwel eċċezzjoni sejra tiġi milqugħa, mhux meħtieġ li jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet l-oħra fir-Risposta tal-konvenut.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Illi anke jekk tassew il-konvenut ma qajjimx din id-difiża partikolari, il-Qorti tħoss li għandha tosserva, b'mod inċidentali u sussidjarju, illi dan il-każ huwa wieħed klassiku ta' pubblikazzjoni li saret f'okkażjoni privileġġjata. Huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza in materja li jeżistu okkażjonijiet u ċirkostanzi varji fejn komunikazzjonijiet bejn persuni jew gruppi ta' persuni li jikkondividu interess leġittimu fil-materja tal-komunikazzjoni, huma protetti bi privileġġ naxxenti proprju mill-okkażjoni li fihom ikunu saru u dan bħala kwistjoni ta' interess pubbliku.*

*Għalkemm huwa minnu li din id-difiża m'hijiex kontemplata espressament mil-liġi fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), l-Artikolu 4(6) tal-Att jirrikonoxxi kwalunkwe difiża oħra li twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni għal malafama. Dan jipprovdi:-* Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taħt dan l-Att, il-konvenut għandu d-dritt li jissottometti bħala difiża kull raġuni għall-mitigazzjoni ta' danni kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tiġi aċċettata, twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni u l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti u li l-fatti msemmija huma veri u, jew li kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-sottomissjoni ta' talba bħal din ma teskludix oħra awtomatikament.

*Skont Gatley (fn. 26 On Libel and Slander, 2013 Ed., 14.7 p. 546 et seq), jissussisti privileġġ taħt il-liġi tal-malafama, f'dawk l-okkażjonijiet fejn il-persuna li tippubblika l-istqarrija impunjata tkun qiegħda taġixxi, inter alia, in bażi ta' dmir jew interess li għandha fil-materja u fejn min jirċievi l-istqarrija għandu interess jew dritt korrispondenti li jirċievi dan il-materjal, jew fejn il-pubblikatur jaġixxi f'materja li fir-rigward tagħha għandu interess komuni mar-reċipjent.*

*Fid-deċiżjoni ċelebri in materja li tiġi ċitata konsistentement b'approvazzjoni (fn 27* ***Toogood v. Spyring*** *(Gatley, ibid. 14.7, p. 546) – Ara wkoll* ***Loutchansky v. Times Newspapers Ltd*** *(nos. 2-5) (2001) EWCA), ġie ritenut illi stqarrija li hija falza u*

*inġurjuża lir-reputazzjoni ta' persuna hija azzjonabbli ħlief jekk issir f'okkażjoni privileġġata, ċioe'* "... unless it is fairly made by a person in the discharge of some public or private duty whether legal or moral, **or in the conduct of his own affairs, in matters where his interest is concerned**. ... **If fairly warranted by any reasonable occasion or exigency, and honestly made, such communications are protected for the common convenience and welfare of society**.*" (emfasi tal-Qorti) (fn. 28 "*It may be accepted as a well-established rule that some duty or interest must exist in the party to whom the communication is made as well as the party making it. The duty or interest may be common to both parties, but this is not essential, it is enough if there is a duty or interest on one side, and a duty or interest, or interest or duty (whether common or corresponding or not) on the other." *Ċitata mid-deċiżjoni **Mallan v. Bickford** (1915), South Australia per Murray J.*

*Biex l-okkażjoni tkun waħda privileġġjata minn din il-perspettiva, id-determinazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hija jekk iċ-ċirkostanzi kollha flimkien - fosthom min għamel il-pubblikazzjoni impunjata u min irċeviha, meta u kif - jistabbilixxu relazzjoni bejn il-partijiet li tagħti lok għal dritt jew dmir soċjali jew morali (fn. 29 Gatley, 14.13 p. 554, 555, jiċċita mid-deċiżjoni **James v Baird** per Earl Loreburn). Mhux meħtieġ li l-pubblikatur tal-malafama jkun aġixxa minħabba xi obbligu legali· (fn. 30 Skont Collins, dawk l-okkażjonijiet jinkludu:* "communications between public officials in the course of their official duties; … complaints of misconduct or mistreatment to persons or bodies with an ability to deal with such complaints; … communications between solicitors and other acting for different parties to a transaction or dispute; … "(Collins on Defamation (2014 Ed.), 1.24 p. 234, 235, 236).

*Il-ħsieb wara l-għoti ta' privileġġ f'okkażjonijiet simili fejn teżisti esiġenza raġjonevoli għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija malafamanti, ġie mfisser hekk:-*

"… it is in the public interest that persons should be allowed to speak freely on occasions when it is their duty to speak and to tell all they know or believe, or on occasions when it is necessary to speak in the protection of some (self or) common interest.*"* (*fn. 31 **Gerhold v Baker** 1918 HL W.N. 368CA at 369 – Gatley 14.8 p. 547)*
*Iktar sinjifikanti minn hekk, huwa wkoll fondament essenzjali ta' din id-difiża li mhux meħtieġa l-prova tal-verità jew korrettezza tad-dikjarazzjonijiet ippubblikati:-*

"The fact, however, that the defendant is mistaken as to the facts in the statement does not deprive him of his privilege: the very purpose of the defence is to allow the making, in good faith, of untrue statements." *(fn. 32 Gatley, 14.18 p. 559, fejn jagħmel referenza għad-deċiżjoni fil-każ **Atkas v. Wespac Banking Corp. Ltd** (2010) HCA 25. Ukoll: "*In such cases **no matter how harsh, hasty, untrue or libelous the**

**publication would be** but for the circumstances, the law declares it privileged because of the amount of public inconvenience for the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury." **Hunter v. Ward** (1859) 6 C.B. (N.S.) 514 at 517. *Intqal ukoll:* "It is better for the general good that individuals should occasionally suffer that freedom of communication between persons in certain relations should be in any way impeded. But the freedom of communication which it is desirous to protect is honest and kindly freedom. It is not expedient that liberty should be made the cloak of maliciousness." *– Lord Coleridge C.J. f'**Bowen v. Hall** (1881).*

*Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kif ampjament imfissra iktar qabel f'din is-sentenza, tqis li l-istqarrijiet tal-konvenut lill-kollegi tiegħu nutara ġew ippubblikati f'okkażjoni privileġġjata għaliex kellu hu evidenti li l-konvenut kellu interess identifikabbli jekk mhux ukoll obbligu, li jikkomunika dan l-ilment tiegħu – ibbażat fuq fatti perċepiti minnu personalment - dwar il-prassi illeċita li deherlu kien qed jadopera l-attur bi ħsara tal-professjoni nutarili u tan-nutara kollegi tiegħu (fn. 33 Fid-deċiżjoni reċenti **Talbot v. Hermitage Golf Club** (2014) IESC 57 (Irish Supreme Court) ġie deċiż illi hija korretta l-konklużjoni li ittri b'ilmenti mibgħuta minn membru ta' golf club dwar l-allegat kondotta ta' membru ieħor tal-klabb huma protetti bil-privileġġ kwalifikat). Dan għamlu sewwasew fuq grupp ristrett li l-iskop tiegħu skont kif xehed l-attur innifsu, huwa biex jitqassam tagħrif li huwa ta' interess għan-nutara, u bla dubju, tagħrif dwar materji bħal ma hija allegat kondotta illegali u ta' ħsara lill-interessi kollettivi tan-nutara, jeħtieġ li jkun liberament komunikabbli u trasmissibbli lill-istess nutara li wkoll għandhom interess korrispondenti tanġibbli li jirċievu tagħrif bħal dan. Għalhekk, il-Qorti hi sodisfatta li l-pubblikazzjoni saret mhux biss għall-protezzjoni ta' xi interess iżda wkoll li teżisti relazzjoni ta' reċiproċità ta' interess bejn il-konvenut u r-reċipjenti tal-komunikazzjoni u ma taqbilx li bl-istqarrijiet tiegħu, il-konvenut eċċeda l-limiti tal-interess u d-dover li kellu biex iġib a konjizzjoni tal-kollegi tiegħu l-allegat kondotta ħażina tal-attur. Il-pubblikazzjoni saret biss lill-kollegi tiegħu nutara u persuni oħrajn fil-qasam tal-professjoni nutarili, u lil ebda persuna oħra.*

*Magħdud dan il-fatt illi mill-provi ma jirriżultax li l-konvenut fil-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kien motivat minn malizzja jew mottiv ulterjuri mhux relatat mat-tħassib u diżappunt evidenti tiegħu dwar dak li huwa fehem li hija prassi illegali adoperata mill-venditur in diżamina u l-attur, fejn klijenta tiegħu ġiet trasmessa mill-aġent tal-venditur jew mis-sensar, direttament lill-attur biex isir il-konvenju, a skapitu ta' nutara oħrajn.*

> *Kollox magħdud, huwa indiskuss illi l-konvenut fil-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tiegħu, kien qiegħed mhux biss iwassal l-allegazzjoni impunjata biss lil persuni li kellhom interess li jafu bil-kondotta deskritta fil-pubblikazzjoni iżda kien qiegħed ukoll jaġixxi biex jipproteġi l-interessi leġittimi tal-professjoni nutarili."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-20 ta' Diċembru, 2023, l-attur talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellat, u konsegwentement tilqa' t-talbiet tal-appellant kif magħmula fir-rikors promutur tiegħu.

6. L-appellant spjega li fil-15 ta' Lulju, 2020 l-appellat ippubblika *post* fuq il-grupp *'Notaries of Malta'* b'diversi kummenti. Qal li dan il-grupp jinkludi fih madwar tliet mitt membru tal-professjoni nutarili f'Malta, u dawn il-kummenti saru mill-appellat wara li kienet kellmitu persuna li riedet parir dwar xiri ta' proprjetà, imma mbagħad iddeċidiet li ma tużax is-servizzi tiegħu. L-appellant qal li minħabba f'hekk l-appellat kien urtat, u meta kkonfronta lil din il-persuna, hija infurmatu li l-kuntrattur li kien ser ibiegħ ried jagħmel użu minn nutar tal-fiduċja tiegħu. Qal li mill-provi irriżulta li la din il-persuna u lanqas l-appellat ma tkellmu mal-kuntrattur jew mal-appellant sabiex jivverifikaw dawn l-allegazzjonijiet. Qal ukoll li mingħajr ebda prova ta' xejn, u fuq sempliċi messaġġ li rċieva mingħand terza persuna, l-appellat wasal għal diversi konklużjonijiet fuq assunzjonijiet żbaljati, li huma inverosimili għall-aħħar. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu l-kontenut miktub mill-appellat huwa malafamanti, libelluż u maħsub biex iwaqqgħu għar-redikolu, u joffendi l-unur u r-reputazzjoni tiegħu. L-appellant qal ukoll li l-intenzjoni tal-appellat kienet li jħammġu, u mhux biex

jirrapporta suspetti leġittimi ta' xi aġir mhux etiku jew sabiex b'xi mod jipproteġi l-professjoni nutarili.

7. B'riferiment għall-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, li dak li kiteb l-appellat jammonta għal opinjoni onesta, l-appellanta qal li l-kummenti tal-appellat ma sarux fil-forma ta' opinjoni, iżda jikkostitwixxu stqarrija ta' stat ta' fatt. Qal li dan l-istat ta' fatt imwassal mill-appellat, kien li l-bejjiegħ kien miftiehem miegħu, u l-appellat saħansitra pprova jsaħħaħ dan billi qal li s-sensara kkonfermatlu kollox. L-appellant irrikonoxxa li filwaqt li d-differenza bejn stat ta' fatt u opinjoni onesta mhux dejjem tkun waħda faċli, il-kumment irid ikun ibbażat fuq fatti veri u l-kumment irid ikun identifikabbli mill-qarrejja bħala kumment, differenti minn imputazzjoni jew stqarrija ta' fatt. L-appellant saħaq li trid issir analiżi akkurata ta' dak li jgħid l-appellat fl-istqarrija tiegħu, u żied jgħid li huwa ma jaqbilx li l-appellat kien qiegħed jirreferi għal fatti li ġie a konoxxenza tagħhom, u li abbażi tagħhom huwa ttrasmetta l-opinjoni jew l-inferenza tiegħu. Qal li l-kummenti tal-appellat jindikaw b'mod ċar lill-qarrej, li l-kummenti ppubblikati qed jingħadu mill-appellat bħala stat ta' fatt li l-appellat ivverifika huwa stess, u mhux opinjoni li huwa fforma abbażi ta' allegati fatti. L-appellant iċċita diversi sentenzi ta' Qrati barranin in sostenn tal-argument tiegħu, li l-Ewwel Qorti qatt ma kellha tikkunsidra kummenti serji kif impostati b'mod leġġer, u tasal għall-konklużjoni li huma sempliċi opinjoni.

8. L-appellant qal ukoll li jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-kummenti in kwistjoni huma stqarrija ta' fatt u mhux opinjoni, jirriżulta li l-allegazzjonijiet li għamel l-appellat ma ġewx ippruvati bħala veritiera. Qal li dawn l-allegazzjonijiet mhux talli ma ġewx ippruvati, talli l-appellat straħ fuq

sensiela ta' konvenji li ma jippruvaw xejn minn dak allegat, u kummenti li allegatament intqalu minn terzi dwar x'semgħu mingħand terzi oħrajn, u l-appellat m'għamel l-ebda tentattiv sabiex dawn il-persuni jitressqu jixhdu.

9. L-appellant qal ukoll li jekk l-istqarrijiet tal-appellat jitqiesu bħala stqarrijiet ta' opinjoni, l-eċċezzjoni xorta waħda tfalli, għaliex l-appellat irid iressaq prova tal-fatti li allegatament kienu jeżistu meta ppubblika l-kummenti tiegħu, u li abbażi tagħhom ifformula l-opinjoni tiegħu. Qal li l-appellat saħaq li huwa ħa l-pożizzjoni tiegħu minħabba f'dak li qalulu l-klijenta u s-sensara, mingħajr ma ressaq lil dawn il-persuni jixhdu. Qal ukoll li kull ma ġie ppreżentat kienu xi messaġġi, u filwaqt li l-awtentiċità tagħhom qatt ma ġiet ippruvata, dawn ma jippruvaw xejn dwar il-fatti li allegatament ibbaża ruħhu fuqhom l-appellat. L-appellant qal li jekk persuna sempliċiment tistrieħ fuq dak li semgħet mingħand terzi bla ebda kontrolli jew verifiki, allura niġu f'sitwazzjoni fejn kulħadd jista' jgħid li jrid u jinvoka l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta a skapitu tal-preġudizzju soffert minn persuni bħall-appellant li m'għandhomx rimedju għall-malafama li jġarrbu.

10. L-appellant qal li l-appellat kellu jressaq l-aqwa prova in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu, u mhux biżżejjed li l-Ewwel Qorti tistrieħ fuq dak li jgħid l-appellat bħallikieku dak li xehed huwa stat ta' fatt, u bħallikieku l-appellat kien eżentat milli jressaq ix-xhieda sabiex jipprova l-eċċezzjonijiet tiegħu. L-appellant qal li huwa jifhem li f'ċirkostanzi bħal dawn, mhux meħtieġ li l-istqarrija ta' opinjoni tkun fattwalment korretta, iżda l-appellat irid jipprova l-eżistenza ta' dawk il-fatti li bbaża d-dikjarazzjonijiet tiegħu fuqhom. Jgħid ukoll li fejn dak allegat mill-appellat huwa kkontestat, ix-xhieda tas-sensara kienet

indispensabbli sabiex tiġi kkunsidrata din l-eċċezzjoni, u dan għaliex skont l-appellat, is-sensara espliċitament qalet li l-appellant kien miftiehem mal-venditur. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-provi mressqa minnu, meta huwa ma kellu l-ebda diffikultà jressaq lill-venditur u lir-rappreżentant tiegħu jixhdu, liema xhieda ma ġewx kontro-eżaminati mill-appellat, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala li ma ġewx ikkontestati.

11. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkunsidra l-evidenza li ppreżenta l-appellat waqt il-kawża dwar din l-eċċezzjoni, b'mod partikolari r-reġistrazzjoni tal-konvenji ta' Alex Mercieca, u l-messaġġi tal-appellat mal-klijenta, u dan għaliex il-liġi tgħid li l-opinjoni trid tkun iffurmata fuq fatti eżistenti u magħrufa lill-appellat meta saru l-kummenti. Qal li fatti li setgħu ġew a konjizzjoni tal-appellat fil-mori tal-kawża, huma irrilevanti u ma jagħmlux tajjeb għan-nuqqas tal-appellat li jressaq il-prova meħtieġa minnu tal-fatti li allegatament kienu jeżistu meta saru l-kummenti. Qal li l-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, qieset il-prova tal-konvenji rreġistrati minn Alex Mercieca, u kkonkludiet li l-appellat kellu raġun jifforma l-opinjoni onesta tiegħu abbażi ta' din l-informazzjoni li ġiet a konjizzjoni tal-appellat fil-mori tal-kawża.

12. L-appellant tenna li l-opinjoni onesta trid tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li kellu l-appellat meta ppubblika l-kummenti diffamatorji. L-appellant qal li l-appellat ma jistax iressaq provi dwar fatti oħra li ġie a konoxxenza tagħhom wara li saret il-kawża jn sostituzzjoni tal-prova li kellu jġib dwar il-fatti li ġew a konjizzjoni tiegħu u li induċewh biex jippubblika l-kummenti diffamatorji.

13. L-appellant għamel riferiment għas-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn ġie stabbilit li sabiex id-difiża tal-opinjoni onesta tirnexxi, jeħtieġ li persuna onesta, abbażi tal-fatti magħrufa lilha, ukoll kienet tasal sabiex ikollha l-istess opinjoni. Hawnhekk l-appellant qal li minn qari tal-kummenti tan-nutara l-oħra li kkummentaw dwar il-*post* tal-appellat, l-ebda persuna oħra ma waslet għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-appellat, u qal li kieku dak espress mill-appellat jammonta għal opinjoni onesta, il-liġi tirrikjedi li persuni ordinarji jaslu għall-istess konklużjoni tal-appellat u mhux bil-kontra. L-appellant qal ukoll li huwa ma jistax jifhem kif filwaqt li l-Ewwel Qorti qieset tali provi tal-appellant, hija naqset li tqis elementi oħra tax-xhieda tal-appellat, li kien evażiv ferm waqt ix-xhieda tiegħu, u ma ppreżenta l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar l-allegata informazzjoni li induċietu li jippubblika l-kummenti tiegħu, salv għal xi *screenshots.* L-appellant qal li minkejja li l-appellat semma li kien hemm nutara oħra li ffaċċjaw l-istess sitwazzjoni bħal tiegħu, l-ebda nutar ieħor ma tressaq biex jixhed dwar dan, u anki biex jixhed hu, kellu jinħareġ mandat ta' skorta.

14. L-appellant qal li huwa ma jistax jaqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-kummenti fil-*post* tiegħu kienu l-opinjoni onesta tal-appellat. Qal li l-appellat huwa persuna ta' livell għoli ta' intelliġenza, u għalhekk ma jistax jiġi emmnut li abbażi ta' dak li seta' sema' mingħand is-sensara u l-klijenta tiegħu, huwa ġenwinament ikkonkluda li l-appellant bħala nutar pubbliku ftiehem mal-venditur sabiex iġiegħel lix-xerrejja jaħdmu bih b'mod esklussiv. Qal ukoll li filwaqt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li d-diskors vulgari ma jikkostitwixxix diffamazzjoni, dan id-diskors huwa indikattiv tal-intenzjonijiet xejn onesti tal-appellat u tal-opinjoni li l-appellat għandu dwar l-appellant. L-appellant qal li

għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellu jkollha l-ebda dubju li meta nutar pubbliku jinfexx jgħajjar kollega tiegħu b'mod dispreġattiv, ma jista' jifdal l-ebda dubju li dan kellu intenzjoni li jagħmel ħsara.

15. L-appellant qal li filwaqt li d-difiża tal-opinjoni onesta hija maħsuba biex tissalvagwardja d-dritt tal-libertà tal-espressjoni, dan ma jfissirx li kwalunkwe opinjoni hija neċessarjament ġenwina u onesta. Qal li l-fatt waħdu li venditur partikolari seta' għamel pressjoni fuq xerrejja prospettiva biex taħdem bin-nutar tal-fiduċja tiegħu, ma kellux iwassal lill-appellat għall-konklużjonijiet li wasal għalihom. L-appellant irrefera għall-konstatazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li sabet li l-kummenti magħmula mill-appellat huma diffamatorji u qal li tenut kont in-natura serja tal-allegazzjonijiet li ppubblika l-appellat, li jaf ben tajjeb x'tip ta' dannu jistgħu joħolqu dawn l-allegazzjonijiet, ma jistax ikun ġustifikat jikkummenta bil-mod kif ikkummenta abbażi ta' kummenti infondati li sema' mingħand terzi. Qal li fl-ewwel lok, l-appellat kien jaf li ma setax jistrieħ fuq tali informazzjoni, u fit-tieni lok, abbażi ta' tali informazzjoni, l-appellat ma setax ġenwinament jemmen li kien hemm xi ftehim illeċitu bil-komparteċipazzjoni tan-nutar appellant. L-appellant qal li l-appellat lanqas ma jista' jgħid li huwa persuna ordinarja, jew li għandu nuqqas ta' għarfien jew intelliġenza li jista' jkollha persuna ordinarja. Qal li l-appellat la kellu u lanqas seta' jkollu opinjoni onesta, u l-kummenti saru biss b'malizzja lejn l-appellant jew b'rabja għaliex klijenta ma riditx taħdem bih.

16. L-appellant qal li huwa fatt magħruf hawn Malta, li minkejja li l-għażla finali tan-nutar hija tax-xerrej, il-venditur, partikolarment jekk ikun kuntrattur, jista' jissuġġerixxi nutar tal-fiduċja tiegħu, u ma jistax jingħad li nutar li jiġi

suġġerit minn venditur jew ikun ippubblika kwantità ta' kuntratti li jinvolvu ċerti persuni, dan ikun qiegħed fil-but tal-venditur jew miftiehem miegħu "biex ifotti". L-appellant qal li filwaqt li l-liġi tipprova ssib bilanċ bejn id-dritt ta' persuna għal-liberta tal-espressjoni, u l-obbligu li ma jingħad xejn li jista' jħammeġ ir-reputazzjoni ta' persuna, id-dritt tal-libertà tal-espressjoni ma jagħtix lok li persuna b'mod irresponsabbli tikteb dak li trid, anke meta fiċ-ċirkostanzi setgħet tkun taf li dak li qed tikteb huwa inverosimili.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellat għamel riassunt tal-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri, u spjega li skont l-Att, id-difiża ta' opinjoni onesta tista' titqajjem biss meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika, skont it-tifsira mogħtija mill-artikolu 4(5) tal-Kap. 579 (l-Att), u fejn jiġu sodisfatti l-kriterji elenkati fl-artikolu 4(2) tal-Att. Qal li persuni li jeżerċitaw professjoni huma inklużi fid-definizzjoni ta' 'persuna pubblika'. Qal li *ai termini* tal-artikolu 4(2) tal-Att, huwa laqa' għall-azzjoni bid-difiża tal-opinjoni onesta, u għalhekk kellu juri li d-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment, f'termini ġenerali jew speċifiċi, tifforma l-bażi tal-opinjoni tiegħu. L-appellat qal li din il-ħtieġa ġiet sodisfatta għaliex il-bażi tal-opinjoni tiegħu li l-każ konċernanti l-appellant huwa wieħed ta' illegalità u ta' *'fottiment'*, hija indikata fil-pubblikazzjoni, fejn l-appellat iddikjara l-fatti li wassluh għal din il-konklużjoni.

18. B'riferiment għar-rekwiżit tal-artikolu 4(2)(ċ)(i) tal-Att, l-appellat qal li kwalsiasi fatt rilevanti jista' jiswa għall-fini ta' din il-prova, basta jintwera wkoll li persuna onesta setgħet ġenwinament tesprimi dik il-fehma li hija impunjata

mill-persuna aggravata, abbażi tal-fatt jew fatti invokati mill-appellat in sostenn tad-dikjarazzjoni tal-opinjoni tiegħu. B'differenza mill-pożizzjoni li ħa l-appellant, l-appellat qal li għas-suċċess ta' din id-difiża, mhux meħtieġ li jintwera li l-appellat kien jaf b'dawk il-fatti meta esprima l-opinjoni tiegħu, u lanqas m'huwa meħtieġ li tiġi ppruvata l-verità ta' kull allegazzjoni ta' fatt li fuqu qed jiġi allegat li l-opinjoni ġiet ibbażata. Qal li anki jekk mhux mistenni li l-fatt li fuqu hija bbażata l-opinjoni jiġi ppruvat, jibqa' l-obbligu li jintwera li l-kumment ikun xprunat minn kummenti li huma sostanzjalment veri.

19. L-appellat qal li l-imputazzjoni magħmula minnu fil-każ in diżamina hija waħda speċifika, jiġifieri li kompraturi prospettivi li jkun fi ħsiebhom jixtru proprjetà mingħand l-iżviluppatur Alex Mercieca, għad li għandhom id-diskrezzjoni tal-għażla tan-nutar, jiġu direġuti bi ftehim bejn l-appellant u l-iżviluppatur jew terzi oħrajn, biex bħala nutar jagħżu lill-appellant a skapitu ta' nutara oħra. L-appellat qal li dan jimponi fuqu l-oneru li jissostanzja l-imputazzjoni bi provi ta' fatti konkreti.

20. Qal li bħala stat ta' fatt jirriżulta li l-appellant waħdu rreġistra mija u sebgħa u erbgħin (147) konvenju għall-bejgħ ta' proprjetà ta' Alex Mercieca lil terzi kompraturi, u għalhekk issir ferm aktar realistika t-teżi tal-appellat li straħet fuqha l-Ewwel Qorti, li kien hemm xeħta ta' kollużjoni biex il-kompraturi prospettivi tal-proprjetajiet ta' Alex Mercieca jiġu trasmessi lill-appellant. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li kull individwu għandu jedd jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor, u għandu wkoll dritt jirreaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess jasal għal konklużjonijiet li mhumiex korretti. L-appellat qal li l-

Ewwel Qorti qieset li l-istqarrijiet ta' opinjoni tal-appellat huma miżgħuda b'fondament fattwali, li jagħti sostenn lill-fehma tiegħu li kien hemm xejra ta' kollużjoni mhux leċita, '*fottiment*' bejn il-venditur, is-sensar, u n-nutar, u hija sodisfatta li persuna onesta seta' jkollha dik l-opinjoni abbażi tal-fatti li jemerġu mill-kumpless tal-provi proċesswali kollha, u li kienu jeżistu fiż-żmien meta l-appellat għamel id-dikjarazzjonijiet impunjati.

21. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-pubblikazzjoni impunjata kienet waħda privileġġjata, u li d-determinazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hija jekk iċ-ċirkostanzi kollha flimkien, fosthom min għamel il-pubblikazzjoni impunjata u min irċeviha, meta u kif, jistabbilixxu relazzjoni bejn il-partijiet li tagħti lok għal dritt jew dmir soċjali jew morali, u mhux meħtieġ li l-pubblikatur tal-malafama jkun aġixxa minħabba xi obbligu legali.

22. In konklużjoni, l-appellat qal li din il-qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Qorti, u din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-Ewwel Qorti, jekk mhux għal raġunijiet gravi meta altrimenti tkun ser tiġi kkreata inġustizzja manifesta. Huwa allura konsentit li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-Ewwel Qorti meta tan ikun kjarament żbaljat b'mod grossolan, fis-sens li l-Ewwel Qorti ma segħetx ma tasalx għal konklużjoni differenti minn dik li tkun żbaljatament waslet għaliha. Finalment l-appellat talab lil din il-Qorti talloka spejjeż doppji kontra l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

23. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellat.

*L-Aggravju:* *[Konklużjonijiet żbaljati tal-Ewwel Qorti]*

24. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant sostna li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta sollevata mill-appellat. Qal li l-istqarrija impunjata trid tkun tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt biex l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta tirnexxi. L-appellant għamel riassunt tal-fatti li wassluh sabiex jistitwixxi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Spjega li ħassu aggravat wara li l-appellat ippubblika kumment fuq il-paġna tal-Facebook '*Notaries in Malta'*, paġna għalhekk b'udjenza limitata maħsuba għall-użu minn grupp esklussiv ta' persuni li huma lkoll kollegi ta' xulxin, fejn l-appellat insinwa li l-appellant għamel ftehim kolluživ ma' żviluppatur tal-bini, sabiex xerrejja prospettivi tal-proprjetà mingħand dan il-kuntrattur partikolari, jagħmlu użu esklussiv mis-servizzi pprovduti mill-appellant bħala nutar. Il-lingwaġġ użat mill-appellat kien ikkulurit u vulgari, u waħda mill-espressjonijiet użati mill-appellat sabiex jiddeskrivi l-prassi li allegatament kien involut fiha l-appellant kienet *"il-veru Mafia"*. Dan wara li klijenta regolari tal-appellat li kkuntattjatu għaliex kienet interessata tixtri proprjetà, infurmat lill-appellat li hija kienet ser tagħmel użu mis-servizzi tal-appellant għaliex is-sensara involuta fil-bejgħ kienet infurmatha li l-venditur żviluppatur tal-proprjetà, ried jaħdem biss bl-appellant bħala nutar f'konvenji u kuntratti għat-trasferiment ta' proprjeta ta' dan l-iżviluppatur partikolari. L-appellat ħassu aggravat ferm meta sar jaf b'din l-informazzjoni, kif jirriżulta mill-

iskambju ta' messaġġi esebiti fil-proċess, u minn dak li huwa qal lill-klijenta prospettiva tiegħu, fejn anki staqsa jekk hu hux *"taż-żejjed u n-nieqes"*, u sussegwentement esprima ruħhu b'ċertu rabja fuq il-paġna tal-Facebook '*Notaries in Malta'.* L-appellant ħassu mmalafamat bl-imputazzjonijiet li ġew ippubblikati, partikolarment għaliex qabel ippubblika l-istqarrija tiegħu, l-appellat naqas milli jikkomunika miegħu sabiex jikkonferma l-fatti kif ġraw, u jekk dak li allegatament qalet is-sensara lill-appellat kienx minnu, u qal li l-kitba tal-appellat kienet maħsuba biss biex lilu tesponieh għar-redikolu tal-kollegi u biex tħammġu.

25. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kitba tal-appellat tammonta għal espressjoni kritika u ta' ġudizzju min-naħa tal-appellat, fejn dan wera stmerrija għall-prassi allegatament adoperata minn żviluppatur tal-proprjetà li b'xi mod jidderieġi lix-xerrejja prospettivi tal-proprjetà żviluppata minnu lejn l-uffiċċju tal-appellant. L-appellat qal li dan l-aġir huwa wieħed illeċitu u li jammonta għal ksur ta' etika u tal-prattika notarili. L-appellant qal li d-difiża tal-espressjoni onesta ma tistax tirnexxi għaliex il-fehma espressa mill-appellat hija stqarrija ta' fatt u mhux opinjoni tiegħu, u għalhekk l-eċċezzjoni sollevata minnu li d-dikjarazzjoni tiegħu tammonta għal opinjoni onesta, ma kienitx timmerita li tiġi akkolta. L-ilment prinċipali tal-appellant huwa li l-istqarrija impunjata hija malafamanti fil-konfront tiegħu, għaliex tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu.

26. L-artikolu 4(2) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> "Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti:

(a) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni;

(b) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni;

(ċ) li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –

(i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew

(ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġata pubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment."

27. Id-dikjarazzjoni privileġġata li jagħmel riferiment għaliha l-paragrafu (ċ) (ii) tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 579, hija imbagħad definita fir-raba' sub-inċiż tal-istess artikolu:

"(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) dikjarazzjoni hija "dikjarazzjoni privileġġjata" jekk il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħha tista' turi bħala difiża għaliha li –

(a) Il-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku li tkun diġà ngħatat pubbliċità b'mod aċċessibli għal udjenza kbira f'medium stabbilit; jew

(b) Il-pubblikazjoni hija dikjarazzjoni evalwata minn persuni oħra fil-qasam xjentifiku jew akkademiku; jew

(ċ) Il-pubblikazzjoni hija rapport ta' proċeduri fil-qorti protetti bi privileġġ assolut skont l-artikolu 7."

28. Il-Qorti tqis li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, li l-*post* in kwistjoni li l-appellat tella' fuq il-paġna ta' Facebook *'Notaries in Malta',* tammonta għal opinjoni onesta tiegħu, ma treġix. Il-*post* in kwistjoni li tinsab riprodotta fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, hija deskrizzjoni ta' avvenimenti li skont l-appellat seħħew verament, anki jekk l-appellat kiseb l-informazzjoni dwar dak li seħħ mingħand terzi li ma tressqux biex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti, u li l-appellat interpreta bħala *"każ ċar ta' illegalità u ta' fottiment bejn is-sensara u*

*l-bejjiegħ u n-nutar"*, u għalhekk il-kitba tal-appellat mhijiex ippreżentata bħala espressjoni tal-opinjoni tiegħu, iżda hija ppreżentata bħala stat ta' fatt. Kif jirriżulta mill-atti, l-appellat lanqas biss kkonferma mal-appellant l-veraċità ta' dak li allegatament qaltlu s-sensara. Dak li jirriżulta huwa li l-appellat, wara li tkellem mal-klijenta tiegħu u infurmaha li kien ser *"jirrapporta"*, u wara sensiela ta' messaġġi skambjati fejn il-klijenta talbet lill-appellat biex ma jagħmel l-ebda rapport, l-appellat mar fuq il-paġna ta' Facebook, li hija ristretta għan-nutara ta' Malta, u hemmhekk għamel diversi insinwazzjonijiet dwar il-mod kif l-appellant qiegħed allegatament jikkolludi ma' sensara u ma' żviluppaturi tal-proprjetà, sabiex jattira klijenti lejn l-uffiċċju tiegħu a skapitu ta' professjonisti oħrajn. Il-fatt li l-appellat jiddeskrivi dan l-aġir bħala *"każ ċar ta' illegalità",* mingħajr ma uża kliem bħal "fil-fehma tiegħi", jindika li l-istqarrija tal-appellat ġiet ippreżentata bħala stat ta' fatt, u mhux bħala opinjoni onesta tiegħu. L-appellat imbagħad mar oltre minn hekk, u xebbaħ dan l-aġir mal-imġiba tal-*'mafia'*. Għalkemm kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, u tal-Qrati Ingliżi li jħaddmu l-istess prinċipji legali, id-distinzjoni bejn espressjoni ta' opinjoni u espressjoni ta' fatt, taf tkun waħda neboluża, fil-każ odjern l-appellat ippreżenta dak li ġara bħala att wieħed minn sensiela ta' atti ripetuti, u l-unika sentenza li tista' tiġi interpretata bħala espressjoni ta' opinjoni fil-kitba tal-appellat, hija l-frażi *"[k]ont nistenna aħjar min-Nutar Dorian Sciberras"*, minkejja li dik il-frażi hija biss parti żgħira f'paragrafu mimli insinwazzjonijiet u akkużi li l-appellat naqas milli jikkonferma l-veraċità tagħhom. L-appellat jgħid li hemm ftehim jew kollużjoni bejn l-appellant, il-venditur u saħansitra anki s-sensara involuta, biex konvenji li jinvolvu lil Alex Mercieca bħala venditur, isiru għand l-appellant bħala nutar. L-appellat mar fuq il-paġna ta' Facebook *'Notaries in Malta'* sabiex

jirrapporta dak li huwa jiddeskrivi bħala aġir illegali, u dan bit-tama li jesponi lill-appellant għar-redikolu tal-kollegi tiegħu, kif ukoll għal proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti taqbel mal-appellant, li d-dikjarazzjoni tal-appellat permezz tal-*post* in kwistjoni, mhijiex ippreżentata bħala opinjoni tiegħu, iżda hija ppreżentata bħala fatt li jammonta għal aġir illegali u li jixbaħ l-operat tal-Mafja, anzi skont l-appellat huwa *"il-Veru Mafja".*

29. L-appellant jgħid ukoll li l-appellat kellu jressaq l-aqwa prova, u l-istqarrija tal-opinjoni espressa m'hemmx għalfejn tkun fattwalment korretta, iżda trid tkun ibbażata fuq fatti eżistenti. Il-Qorti diġà spjegat ir-raġunijiet għalfejn il-*post* in kwistjoni tal-appellat, m'għandhiex titqies bħala opinjoni, iżda bħala stqarrija li ġiet ippreżentata bħala stat ta' fatt li tressaq għall-attenzjoni tan-nutara membri tal-grupp tal-Facebook *'Notaries in Malta',* bl-intenzjoni ċara li jittieħdu passi dixxiplinarji mill-korp professjonali li jirregola lin-Nutara, u/jew li jesponi lill-appellant għar-redikolu tal-kollegi sħabu. Anki l-fatt li l-appellat għażel li jesprimi ruħhu b'lingwaġġ dispreġjattiv u kkulurit, jindika li l-appellat ma riedx jesprimi l-opinjoni onesta tiegħu dwar l-appellant, iżda fl-aħjar ipotesi ried jirredikolah quddiem il-kollegi sħabu. Il-fatt li nutara oħra għamlu kummenti taħt il-kumment li ħalla l-appellat, u staqsew jekk dak allegat minnu hux veru, jew ġibdulu l-attenzjoni għall-fatt li l-affarijiet bejn il-professjonisti ma jsirux b'dan il-mod, imma l-kumment tal-appellat tħalla hemm, ukoll juri x'kienet l-intenzjoni vera tiegħu meta ppubblika l-kumment oriġinali tiegħu.

30. Il-Qorti tosserva li din hija kawża bejn żewġ professjonisti mill-kamp notarili, li bħala minimu għandhom jużaw dekor u diċenza fl-imġiba tagħhom. Il-Qorti tqis li l-appellat ma kienx 'onest' fid-dikjarazzjoni tiegħu, partikolarment

meta l-kitba kienet waħda kkulurita u mżejjna b'għadd ta' aġġettivi mhux xierqa. Fi kwalunkwe każ, li kieku l-appellat verament kien tal-fehma li l-appellant kien involut f'xi aġir illeċitu jew illegali, bħala professjonist fil-kamp notarili, l-appellat messu kien jaf aħjar fejn kellu jindirizza l-ilment tiegħu. Ċertament li l-Facebook mhux il-forum ideali fejn tiġi rappurtata imġiba illegali jew li tista' tkun riżultat ta' kollużjoni mhux etika bejn professjonist indipendenti u negozjant tal-proprjetà. Il-Qorti tqis li l-kitba tal-appellat tfalli mit-test tal-onestà, għaliex il-kitba tiegħu mhux biss mhijiex 'opinjoni', iżda lanqas hija 'onesta', meta wieħed jifli mill-qrib dak li nkiteb u l-mod kif tħalla miktub. B'riferiment għal dak li qalet l-Ewwel Qorti li d-dikjarazzjoni tal-appellat tista' titqies ukoll bħala *'dikjarazzjoni privileġġjata'*, il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Joseph Brincat *vs.* Saviour Balzan**[1]:

> *"Il-Qorti tosserva li skont il-liġi mhijiex kwalunkwe persuna li tista' tuża d-difiża ta' opinjoni onesta bbażata fuq dikjarazzjoni privileġġata. Il-leġislatur kwalifika l-persuna li għaliha tapplika din id-difiża speċifika bħala "persuna onesta". Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-leġislatur intenda li jeħtieġ li jkun hemm element ta' bona fede min-naħa tal-konvenut sabiex ikun jista' jirnexxi f'din id-difiża. Wara kollox, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-Istat għandu l-obbligu li jipproteġi kemm il-libertà tal-espressjoni kif ukoll id-dritt għar-reputazzjoni, u għalhekk id-difiżi kontemplati fil-liġi tabilfors iridu jkunu tali li jippermettu lil Qorti tagħmel il-bilanċ neċessarju bejn id-drittijiet involuti."*

31. Il-Qorti tqis ukoll li l-*post* ippubblikat mill-appellat, meta jittieħdu in konsiderazzjoni wkoll il-kummenti ta' nutara oħra membri tal-istess grupp tal-Facebook *'Notaries in Malta',* u l-kumment li sar minn wieħed mill-membri tal-

[1] 18.05.2022.

Kunsill Notarili, u l-fatt li l-appellat ħalla l-kumment fuq din il-paġna, minkejja li r-rabja li ħass meta tkellem mal-klijenta tiegħu, kellha loġikament tibda tbatti wara li għadda ċertu ħin, juru nuqqas ta' *bona fede* min-naħa tiegħu. L-appellat kellu kull dritt jesprimi opinjoni dwar fatti li ġew għall-konjizzjoni tiegħu, iżda ma kellu l-ebda jedd jippreżenta l-opinjoni tiegħu bħala stat ta' fatt, jakkuża kollega li qiegħed jinvolvi ruħhu f'attività illeċita jew illegali, u jimplika li dan l-aġir huwa wieħed tipiku ta' min ikun involut fil-Mafia.

32. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u sejra tilqgħu. Dan ifisser li din il-Qorti sejra tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu mill-appellat lill-appellant. Il-Qorti tqis li minkejja li kienu diversi l-persuni li ġibdu l-attenzjoni tal-appellat li l-kumment tiegħu ma kienx f'loku, u li dak ma kienx mod kif jindirizza allegat aġir mhux professjonali da parti ta' wieħed mill-kollegi tiegħu fl-istess professjoni, huwa xorta ħalla l-*post* tiegħu fuq il-paġna ta' Facebook *'Notaries in Malta'*. Tqis ukoll li l-appellat uża kliem vulgari u dispreġjattiv sabiex jiddeskrivi l-aġir tal-appellant. Min-naħa l-oħra l-appellant ma ressaq l-ebda prova li l-pubblikazzjoni impunjata lilu kkawżatlu xi danni. Għaldaqstant il-Qorti tqis li tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha, l-appellat għandu jħallas lill-appellant is-somma ta' sebgħa mitt Euro (€700) bħal danni għall-malafama sofferta mill-appellant.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellat, u konsegwentement tilqa' t-talbiet tal-appellant kif**

**magħmula fir-rikors promutur tiegħu, tiddikjara li l-istqarrijiet li ġew ippubblikati mill-appellat fil-15 ta' Lulju, 2020 fuq il-paġna ta' Facebook *'Notaries of Malta'* tammonta għal malafama, u tikkundanna lill-appellat iħallas lill-appellant is-somma ta' sebgħa mitt Euro (€700.00) bħala danni sofferti minnu skont l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta).**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**